MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 382/2013

**Inginjier Kurt Casapinta**

**vs**

**Dr. Simon Micallef Stafrace nominat bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-interessi tal-bastiment MY LA MIMA skond digriet tat-12 ta' Frar 2014**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li bih l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' (€8153.50) tmint elef mija u tlieta u hamsin Euro u hamsin centezmu dovuta minnu, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi professjonali resi kif ukoll fornitura u nstallar ta' materjal fuq il-bastiment MY LA MIMA.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-dati tal-fatturi relativi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat Dr. Simon Micallef Stafrace fejn iddikjara:

1. Illi l-esponent m'huwiex edott mill-fatt u ghalhekk qed jirriserva d-dritt li jipprezenta risposta motivata f'kaz u jekk jigi edott mill-fatti.

Semghet ix-xhieda tal-attur, li ikkonferma li l-ammont pretiz ghadu dovut.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2015, Dr. Simon Micallef Stafrace, il-kuratur deputat tal-bastiment konvenut, iddikjara illi ma sar ebda kuntatt mieghu minn xi sidien jew rapprezentanti jew agenti tal-imsemmi vapur u ghalhekk ma kellux provi xi jressaq.[1]

Rat id-dokumenti prezentati u l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemm l-ebda raguni valida, ghalfejn din il-Qorti m'ghandhiex temmen ix-xhieda tal-attur.

**Konkluzjoni**

In vista ta' dak premess, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-kuratur deputat bhala rapprezentant tal-bastiment konvenut bl-isem MY LA MIMA sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' tmint elef mija u tlieta u hamsin Euro u hamsin centezmu (€8153.50), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet

[1] Ara fol. 18 tal-process.

legali mid-dati tal-fatturi relattivi kontra l-kuratur deputat bhala rapprezentant tal-bastiment konvenut imsemmi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------